**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/23**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023 |
| **Ħin:** | 5:47pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera (Sat-8:10pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Joan Agius - Viċi-Sindku
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-6:00pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **09.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **09.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **09.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **09.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **09.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **09.06** | **Vetturi Elettriċi;** |
| **09.07** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **09.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **09.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **09.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**09. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | | Ma kinx hemm | |

**09. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 08/23 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 09. 2. 1 | 08.02.13 | Sindku | Waqt l-attivita' l-Onor Alicia Bugeja Said tat donazzjoni ta' sitt siġriet taż-żebbuġ kif ukoll l-Onor Ray Abela ta kors għall-anzjani miftuħ għall-50 persuna. | |
| 09. 2. 2 | 08.02.08 | Caruana Ray | Staqsa u nqalgħu l-cats eyes u dwar l-*sleeping police* fi Triq Ħal Tarxien. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 2 5 | 08.02.01 | Viċi-Sindku: Arti u Artiġjanat | Il-Viċi-Sindku fakkret li jrid jissewwa l-ilma f'dan iċ-ċentru peress li hemm il-ħsarat. Is-Segretarju qal li ser iqabbad il-ħaddiema tagħna biex jagħmlu dan. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 6 | 08.07.01 | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li dalgħodu kien hemm it-tnedija tal-attivita' fil-preżenza tal-Onor Owen Bonnici, l-Onor Civelli flimkien mas-Sindku u l-familja Cauchi. Hemm kollox ippreparat fosthom ġejjien Banda Taljana u 350 żeffien minn pajjiżi differenti. Grazzi lill-Ministeru tat-Turiżmu sabiex dawn jiġu b'xejn. Hemm 130 stall. Ser jitwaħħlu l-manuċċi fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill. il-karettuni ser jintramaw taħt il-palazz. Saret talba lill-azjendi sabiex ituna sponsors. Is-Sindku qalet li ntbagħtu l-inviti lis-Sindki ta' Avola, Celano, Birzeit u Oborniki. Ikkonfermaw li ser jattendu s-Sindki ta' Celano, Oborniki u Birzeit. | Viċi-Sindku |
| 09. | 2 | 7 | 08.02.10 | Fenech: Proġett LC Care | Fenech qalet li dan il-proġett għadu għaddej. Il-cat feeders organizzaw ikla oħra. | Fenech |
| 09. | 2 | 8 | 08.02.12 | Camilleri: Triq Joe Attard | Camilleri staqsiet dwar jekk din hux ser issir. Ser nibgħatu tfakkira lill-TM dwar dan. | |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/23. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | | Sindku | Reġgħat ġiet diskussa din il-bidla li saret f'din iż-żona. Caruana issuġerixxa li ssir Junction Box minn Triq Dun Ġwann Tabone għal Triq Degabriele. Ser inkellmu lil TM dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 2 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-EWA għadditilna lista ta' charging points li ser jiġu nstallati fil-lokal. | Sindku |
| 09 | 3 | 3 | | Sindku: Tender tat-tindif | Is-Sindku qalet li l-Floor Pool, li ħadu t-tender tat-tindif tal-uffiċini ma onorawx it-tender. | |
| 09 | 3 | 4 | | Sindku: Misraħ Santa Marija | Is-Sindku qalet li dalwaqt jibda x-xogħol. Għal kuntrarrju li qed jingħad il-parkeġġ minn 16 ser jitla għal 18. Qalet ukoll li daqt jibda x-xogħol fuq il-ġnien f'Ħal Tmin. | Sindku |
| 09 | 3 | 5 | 02 | Sindku | Is-Sindku qalet li għal din l-attivita' ser titwaħħal il-bandiera mal-gallarija tal-Kunsill. | Fenech |
| 09 | 3 | 6 | 03 | Sindku: Tribunal Lokali | Is-Sindku qalet li ġejna nfurmati li t-Tribunal Lokali ser jibqa' fejn hu sal-aħħar ta' din is-sena. Tqajjmu diversi ideat ta x'jista' jsir. Is-Sindku żiedet li Project Green ġejjien fi Ġnien iż-Żgħożija sabiex jagħmlu attivita' mat-tfal u r-residenti u jniedu diskussjoni dwar il-proġett li mistenni jsir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 7 | | Fenech: Alf tal-ħamiem | Fenech qalet li dan l-alf ser jitwaqqaf. Ser niċċekjaw kemm jiswina jekk jinxtara mill-kunsill. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 3 8 | | Sindku: Kamra fi Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li l-kuntratt li s-Sur Jorge Spiteri kellu sabiex jagħmel użu mill-bejt tal-Ġnien il-Kmandant kien skada u ma reġax ġie mġedded. Iżda minkejja dan, xorta waħda baqa' jagħmel użu mingħajr ma l-kunsill kien infurmat. Sirna nafu minħabba li inċidentalment issakkar u kellha tiġi l-pulizija biex tiftaħ. Kien hemm qbil li n-naħla tiġi l-insett nazzjonali wara li ntlabnajekk naqblux bħala kunsill ma' din l-applikazzjoni. | |
| **09. 4.** | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 4 1 | | Viċi-Sindku: Rapport tal-Manuċċa Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku qalet li jrid jiġi preżentat r-rapport finanzjarju. | |
| 09. 4 2 | | Baldacchino: Triq Villa Cagliares | Baldacchino qal li hemm problema tal-parkeġġi fl-ewwel parti. | Sindku |
| 09. 4 3 | | Caruana Ray: Triq Toni Zahra | Caruana fakkar fl-*sleeping police* fi Triq Toni Zahra. | Sindku |
| 09. 4 4 | | Caruana Ray: Triq Tal-Ħotba | Caruana qal li hemm bżonn tiddawwal u tintbagħt ittra lil TM dwar it-trailers mitluqa hemm. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mal-Onor Aaron Farrugia u qallha li ser isibu post fejn jitfgħuhom. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 4 5 | | Chircop: Round About | Chircop qal li din ir-roundabout fejn il-Ġnien Tal-Kmandant tiġi humped. Ser issir it-talba għal dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 4 6 | | Fenech: CulturALLA | Fenech qalet li dan il-proġett qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu. | |
| **09. 5.** | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. 5. 1 | | Chircop: Tabelli | Chircop irringrazzja lil IM tat-tabelli ġodda li twaħħlu fit-toroq. | Chircop |
| 09. 5. 2 | | Chircop: Restawr tas-Salib tal-Pjazza | Chircop qal li x-xogħol dalwaqt jibda. Is-Sindku qalet li l-art u l-ħadid ser jiġi restawrat u jsir id-dawl. Ser nagħmlu talba lill-Indis għall-fondi. | |
| 09. 5. 3 | | Chircop: Restawr tal-Kappella ta' San Klement | Chircop qal li dan miexu ġmielu u ġie l-Onor Owen Bonnici jara x-xogħol u din ser titlesta fil-bidu tas-sena d-dieħla. | Chircop |
| 09. 5. 4 | | Chircop: Fondi mill-Gal Xlokk għall-kotba | Chircop qal li l-ewwel ktieb kważi lest u ser jiġi pubblikat għall-Ottubru. L-isem huwa Riflessi miż-Żejtun. | Chircop |
| 09. 5. 5 | | Sindku: Restawr tal-Faċċata ta' Gnien tal-Kmand | Is-Sindku qalet li t-tender wara li ġie evalwat ittieħed minn Darna Properties u ser ikun qed jibda l-proċess biex din il-faċċata tiġi restawrata. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. 5. 6 | | Camilleri: Lezzjonijiet | Camilleri qalet li din hija l-aħħar ġimgħa ta' lezzjonijiet. | Camilleri |
| 09. 5. 7 | | Sindku: Triq il-Gwiedi | Is-Sindku qalet li wara li l-Enemalta kissru t-triq, ser jitqabbad il-kuntrattur tagħna sabiex jerġa jsir il-paviment u jitħallas mill-Enemalta. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |

**09. 6. Vetturi Elettriċi;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 6. 1 | | | Ma kinx hemm żviluppi dwar dan. | |

**09. 7. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 7 1 | | Fenech: Bank tad-demm | Fenech qalet li reġa ġej il-bank tad-demm. Kellna wkoll sezzjoni dwar mediċina Ċiniza fis-sala tal-Kunsill. | Fenech |
| 09 7 2 | | Chircop: Attiita' għall-Halloween | Chircop qal li l-Malta Chamber of Scientist avviċinawna sabiex issir attivita' fiż-Żejtun fil-31 t'Ottubru. Ser ikunu qed jiġu komunikati l-attivitajiet li ser isiru fil-jiem li ġejjien. L-isem ser ikun *Horrid History at Halloween.* | Chircop |
| 09 7 3 | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal li dan ser fit-30 ta' Diċembru. Dan ser isir b'kollaborazzjoni mal-VOPS u l-MUYA u hemm €5000 fondi miġjuba għalih. Ser jieħdu sehem mużiċisti ta' bejn it-18 u l-35 sena. | Chircop |

**09. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 8. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/23 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 8. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/23 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. 8. 3 | | *Petty Cash* - Awwissu 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar t'Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €175.82. | Segretarju Eżekuttiv |

**09 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 9 1 | | Caruana Ray | Caruana ressaq mozzjoni sabiex Triq Bugħarbiel tiġi one way.. Saret diskssjoni dwar dan u kien hemm qbil li jitqabbad espert tat-traffiku għal pjan ħolistiku. | |

**09 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:00 pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 02 ta' Ottubru 2023 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

Iffirmata
Maria Dolores Abela
Sindku

Iffirmata
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv